REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 305/2010

tal-14 ta' April 2010

li jibdel l-Annessi I u II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 673/2005 li jistabbilixxi d-dazji doganali ta' importazzjoni addizzjonali ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 673/2005 tal-25 ta' April 2005 li jistabbilixxi d-dazji doganali ta' importazzjoni addizzjonali ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika [1], b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

(1) B'konsegwenza tal-falliment min-naħa tal-Istati Uniti biex iġibu l-Att dwar il-Kumpens għall-Persistenza tad-Dumping u għaż-Żamma tas-Sussidji (CDSOA) konformi mal-obbligi tagħhom skont il-ftehimiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), ir-Regolament (KE) Nru 673/2005 impona dazju doganali addizzjonali *ad valorem* ta' 15 % fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika mill-1 ta' Mejju 2005. B'konformità mal-awtorizzazzjoni tad-WTO biex tiġi sospiża l-applikazzjoni ta' konċessjonijiet fir-rigward ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kummissjoni għandha taġġusta l-livell ta' sospensjoni kull sena għal-livell ta' tixjin jew ħsara kkawżat mis-CDSOA lill-Unjoni Ewropea f'dak iż-żmien.

(2) Il-ħlasijiet tas-CDSOA għall-aktar sena riċenti li għaliha hemm dejta disponibbli għandhom x'jaqsmu mad-distribuzzjoni ta' dazji kompensatorji u ta' anti-dumping miġbura matul is-Sena Fiskali 2009 (mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2009). Fuq il-bażi tad-dejta ppubblikata mid-Dwana u l-Protezzjoni tal-Fruntieri tal-Istati Uniti, il-livell ta' tixjin jew ħsara kkawżat lill-Unjoni Ewropea huwa kkalkulat li jammonta għal USD 95,83 miljun.

(3) Billi l-livell ta' tixjin jew ħsara u konsegwentement ta' sospensjoni żdied, l-ewwel 19-il prodott tal-lista fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 673/2005 għandhom jiżdiedu mal-lista stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 673/2005.

(4) L-effett ta' dazju tal-importazzjoni addizzjonali *ad valorem* ta' 15 % fuq importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-prodotti fl-Anness I emendat jirrappreżenta, fuq sena, valur ta' kummerċ li ma jaqbiżx il-USD 95,83 miljun.

(5) L-Artikoli 6(1) u 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 673/2005 jinkludu eżenzjonijiet speċifiċi mid-dazju tal-importazzjoni addizzjonali. Billi l-applikabbiltà ta' dawk l-eżenzjonijiet tiddependi fuq li jiġu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet qabel id-dħul fis-seħħ jew fid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 673/2005, l-eżenzjonijiet ma jistgħux fil-prattika japplikaw għall-importazzjonijiet tad-19-il prodott miżjuda minn dan ir-Regolament mal-lista fl-Anness I. Għaldaqstant, għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet speċifiċi biex dawn l-eżenzjonijiet isiru effettivi għall-importazzjonijiet ta' dawk il-prodotti.

(6) Biex tiġi evitata l-evażjoni tad-dazju addizzjonali, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(7) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma fi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat għar-ritaljazzjoni fil-kummerċ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 673/2005 qed jitbiddel bl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 673/2005 qed jitbiddel bl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

1. Prodotti li għalihom tkun inħarġet liċenzja tal-importazzjoni b'eżenzjoni minn, jew tnaqqis tad-dazju, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ma għandhomx ikunu suġġetti għad-dazju addizzjonali sakemm ikunu kklassifikati taħt wieħed minn dawn il-kodiċijiet NM li ġejjin [2]: 9406 00 38, 6101 30 10, 6102 30 10, 6201 12 10, 6201 13 10, 6102 30 90, 6201 92 00, 6101 30 90, 6202 93 00, 6202 11 00, 6201 13 90, 6201 93 00, 6201 12 90, 6204 42 00, 6104 43 00, 6204 49 10, 6204 44 00, 6204 43 00, 6203 42 31.

[1] ĠU L 110, 30.4.2005, p. 1.

[2] Id-deskrizzjoni tal-prodotti klassifikati taħt dawn il-kodiċijiet tinsab fl-Anness I mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1), kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 493/2005 (ĠU L 82, 31.3.2005, p. 1).

2. Prodotti li għalihom jista' jintwera li kienu diġà qed jiġu trasportati lejn l-Unjoni Ewropea jew f'ħażna temporanja jew f'żona ħielsa jew maħżen ħieles jew fi proċedura ta' sospensjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 84(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [1] fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u li d-destinazzjoni tagħhom ma tistax tinbidel, ma għandhomx ikunu soġġetti għad-dazju addizzjonali sakemm ikunu klassifikati taħt wieħed minn dawn il-kodiċijiet NM li ġejjin [2]: 9406 00 38, 6101 30 10, 6102 30 10, 6201 12 10, 6201 13 10, 6102 30 90, 6201 92 00, 6101 30 90, 6202 93 00, 6202 11 00, 6201 13 90, 6201 93 00, 6201 12 90, 6204 42 00, 6104 43 00; 6204 49 10, 6204 44 00, 6204 43 00, 6203 42 31.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.
[2] Id-deskrizzjoni tal-prodotti klassifikati taħt dawn il-kodiċijiet tinsab fl-Anness I mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1), kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 493/2005 (ĠU L 82, 31.3.2005, p. 1).

ANNESS I

Il-prodotti li fuqhom għandhom japplikaw id-dazji addizzjonali huma identifikati permezz tal-kodiċi NM tagħhom bi tmien numri. Id-deskrizzjoni tal-prodotti klassifikati taħt dawn il-kodiċijiet tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana [1] kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 493/2005 [2].

4820 10 50

6204 63 11

6204 69 18

6204 63 90

6104 63 00

6203 43 11

6103 43 00

6204 63 18

6203 43 19

6204 69 90

6203 43 90

0710 40 00

9003 19 30

8705 10 00

9406 00 38

6101 30 10

6102 30 10

6201 12 10

6201 13 10

6102 30 90

6201 92 00

6101 30 90

6202 93 00

6202 11 00

6201 13 90

6201 93 00

6201 12 90

6204 42 00

6104 43 00

6204 49 10

6204 44 00

6204 43 00

6203 42 31.

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 82, 31.3.2005, p. 1.

ANNESS II

Il-prodotti f'dan l-Anness huma identifikati permezz tal-kodiċi NM tagħhom bi tmien numri. Id-deskrizzjoni tal-prodotti kklassifikati taħt dawn il-kodiċi tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 493/2005.

6204 62 31.